MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tas-27 ta' Gunju, 2007

Citazzjoni Numru. 432/2002/1

**Mario Camilleri.**

**-vs-**

**Tabbingtons Limited.**

**Il-Qorti;**

Rat l-att taċ-ċitazzjoni ppreżentat fil-15 ta’ April, 2002 li permezz tagħha l-attur ippremetta:

Illi nhar l-4 ta’ Settembru, 2000 l-attur weġġgħa waqt il-qadi tax-xogħol tiegħu bħala mastrudaxxa mas-soċjeta’ konvenuta meta huwa kien qiegħed jinċana l-injam.

U illi l-magna li huwa kien qiegħed jaħdem fuqha ma kinitx

munita b'attrezzatura ta' *safety*.

U illi, hekk kif se jipprova l-attur fil-mori ta' din il-kawża, l-imsemmi inċident seħħ unikament minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tas-soċjeta' konvenuta.

U illi għalkemm l-attur debitament interpella lis-soċjeta' konvenuta sabiex din tersaq għal-likwidazzjoni u eventwali ħlas ta' danni, l-istess soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti.

Tgħid għalhekk is-soċjeta' konvenuta għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:-

1. Tiddikjara li l-inċident li seħħ nhar l-4 ta' Settembru, 2000 fejn l-attur weġġgħa fil-qadi tax-xogħol tiegħu mas-soċjeta' konvenuta seħħ unikament minħabba negliġenza, imperizja u non-osservanza tar-regolamenti da parti tas-soċjeta' konvenuta.

2. Tillikwida d-danni sofferti mill-attur.

3. Tordna lis-soċjeta' konvenuta tħallas is-somma hekk likwidata lill-attur ai fini tat-tieni talba.

Bl-ispejjeż kollha kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa rappresentanti u diretturi tagħha qegħdin jiġu inġunti in subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni ta' l-attur maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota ta' l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta ppreżentata fid-29 ta' Ottubru, 2002 li permezz tagħha eċċepiet;

1. L-ewwel talba ta' l-attur għandha tkun miċħuda stante li l-inċident de quo ma ġarax tort tas-soċjeta' konvenuta iżda ħtija ta' l-attur innifsu.

2. It-tieni talba ta’ l-attur għandha tkun respinta wkoll billi ma hemmx danni x’jiġu likwidati favur l-attur.

3. Isegwi għalhekk li anke t-tielet talba għandha tiġi riġettata stante li s-soċjeta’ konvenuta m’għandhiex tkun kundannata tħallas danni lill-attur.

4. Salvi eċċezzjonijiet oħra permessi mil-liġi.

Rat id-dikjarazzjoni tas-soċjeta’ konvenuta maħlufa minn Paul Tabone, karta ta’ l-identita’ numru 743950(M), u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta tal-21 ta’ Mejju, 2007 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza wara t-trattazzjoni ta’ l-Avukati rispettivi.

Ikkunsidrat;

Ikkunsidrat;

Illi l-attur qed jitlob li s-soċjeta’ konvenuta tigi kkundannata jħallsu d-danni wara l-inċident li ġara fuq il-post tax-xogħol meta kien jaħdem mas-soċjeta’ konvenuta.

Ma hemmx kontestazzjoni li l-attur kien impjegat mas-soċjeta’ konvenuta meta ġara l-inċident li fih weġġgħa. L-inċident ġara meta huwa kien jaħdem bl-hekk imsejħa *varloppa* ossija għuda illi tintuża biex il-ħaddiema jinċanaw l-injam.

Ma jidhirx li hemm kontestazzjoni dwar kif ġara l-inċident. L-attur pero’ jgħid li dan ġara minħabba li l-għuda msemmija ma kellhiex l-hekk imsejjaħ *guard* li għandu l-funzjoni li jilqa’ minn wara idejn min ikun qed jaħdem f’każ li jiġri dak li ġara lilu. Id-direttur tas-soċjeta’ konvenuta Paul Tabone fis-seduta tal-21 ta’ Ġunju, 2006 tefa’ l-ħtija fuq l-attur għaliex skond hu kien messu ħadem dik l-injama li kien qed jinċana dak in-nhar fuq makna iżgħar. Barra minn dan, qal għalkemm il-makni jiġu minn barra bil-*guards*, l-

istess ħaddiema jaqalgħuhom u jwarrbuhom għaliex skond huma, hu aktar *safe* li wieħed jara l-lupa jew il-varloppa skond il-każ. Qal li hu jgħid lill-ħaddiema biex minflok jużaw biċċa injama bħala lqugħ.

Skond l-attur il-haddiema kienu kollha jaħdmu mingħajr *guard*, u mistoqsi jekk qattx qalu lil Tabone biex jipprovdilhom dawn il-*guards* qal li le għaliex kull meta staqsewh għal affarijiet oħra relatati ma' ħarsien mill-periklu qatt ma aċċetta li jagħtihom dak li talbuh. Xehdu wkoll Chris Curmi u Anthony Saliba, żewġ persuni li kienu jaħdmu ma' l-attur dak iż-żmien. Curmi ma rax l-inċident iżda kien l-attur li mar fuqu jgħidlu li weġġgħa u kien hu li ħadu l-isptar. Qal li jista' jkun li l-varloppa tkun bla *guard* għax normalment inneħħuhom. Qal li jekk ineħħiha ħaddiem u jmur ieħor jaħdem fuqha dan normalment ma jerġax jarmaha għaliex hekk ikun qed jaħli ż-żmien. Saliba da parti tiegħu li skond l-istess Tabone, kien l-iktar haddiem espert li kellu li kien iqisu speċi ta' *foreman*, qal testwalment "*għalija l-ebda makna bħal dawn bħal ma kienu dawn ngħidilhom jien tad-dilettanti għax qishom tad-dilettanti li jiġu Malta m'humiex industriji ta' vera li għandhom safety guards adekwati. Jien it-tort ma nagħtihx lil min iħaddem u lanqas lill-ħaddiem, il-ħaddiem ma jistax jaħdem bih, għax jien kont naħdem erbgħin sena hekk, għandi esperjenza fix-xogħol ta' l-injam. Jien l-ewwel wieħed ma naħdimx bil-guards li jgibulna dawn il-magni għax aktar ifixkluk milli jgħinuk. Jiena t-tort nagħtih lill-Health And Safety li ma għandhomx nies li jifhmu f'dan ix-xogħol li jagħtu lok lis-suppliers iġibuhom dawn il-makni. Aħna rridu naħdmu fuq dawk il-makni.*" Aktar il-quddiem qal; "*X'ħin tmur f'pajjiż barra minn Malta ma tarax dawn il-kwalita' ta' makni tara makni kollha awtomatiċi. Hawn Malta kif naħdmu aħna bħal tat-tielet dinja dawk il-kwalita' ta' makni u aħna nixtru minnhom.*" (fol 87 u 89 tal-proċess). Il-Qorti tħoss mill-komportament ta' dan ix-xhud li għalkemm ċertament ma kienx xi xhud espert fis-sens proċedurali, ċertament kien jaf x'inhu jgħid u l-Qorti ma tistax ma tiħux konjizzjoni attenta tad-deposizzjoni tiegħu.

L-imsemmi Paul Tabone fid-deposizzjoni tiegħu qal kemm-il

darba li hu kien jaf li l-ħaddiema iwarrbu l-*guards* (fol 109).

Fil-fehma tal-Qorti l-inċident li minħabba fih ġiet intavolata l-kawża huwa sintomatiku ta' ħafna inċidenti oħra li spiċċaw il-Qorti. L-*employer* ħafna drabi jkun jaf li hemm ċerta traskuraġni fil-*modus operandi* ta' l-azjenda tiegħu, ikun jaf li l-għuda qed tintuża b'mod li jista' jkun perikoluż u eppure iħalli kollox jibqa' għaddej sakemm jinqala' l-inċident. Meta jiġri dan imbagħad jippretendu li ma għandux ikun responsabbli talli ħalla dan isir iżda jipprova jitfa' t-tort fuq il-ħaddiem għax *traskurat.* Ikun tajjeb li dawn l-*employers* li jirraġunaw hekk ikunu jafu li f'dawn l-aħħar snin il-Qrati tagħna kienu kritiċi ħafna ta' dan it-tip ta' atteġġjament u eżami qasir ta' x'uħud minn dawn is-sentenzi juri dan sew.

Din il-Qorti per eżempju fil-kawża fl-ismijiet D'Anastasi vs Enemalta Corporation deċiża fit-28 ta' Ġunju, 2005 qalet;

"*Illum it-tendenza riċenti tal-Qrati tagħna, issa msaħħa wkoll minn leġislazzjoni iktar moderna u konsonanti maż-żminijiet hija li hemm kważi presunzjoni illi inċident industrijali jiġri għax ma kienx hemm a safe system of work.*

*Huwa faċli għal dak li jipprovdi x-xogħol illi jwaħħal fl-impjegat għax uża għodda mhux koperti minn apparat ta' sigura iżda fuq kollox l-impjegat ikun qed jaħdem għall-aħjar ta' min jagħtih ix-xogħol u minflok ma jgerger u jilmenta mill-għodda ikun medd idejh għax-xogħol. Ma huwiex sew fil-fehma tal-Qorti li wieħed jattribwixxi xi tort lill-*attur *u ngħidulu li kien aħjar li ħasel idejh.*"

Kif irriteniet ukoll din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Schembri vs Caruana nomine deċiża fit-12 ta' Jannar, 1983, "*employer illi jkun jaf li fil-makkinarju tiegħu hemm perikolu u ma jieħu ebda passi biex jirrimedja għal dan jesponi ruħu għall-konsegwenzi legali li joħorġu minn dan l-*

*employer (għandu jaħseb) illi jippjana sew ix-xogħol u jikkunsidra l-fatt li l-istess ħaddiema ġieli jittraskuraw ir-riskji involuti fix-xogħol tagħhom ta' kull jum.*"

Kif ukoll qalet l-istess Qorti fil-kawża fl-ismijiet Kevin Mallia vs

Alf Mizzi and Sons Limited deċiza fid-9 ta' Ottubru, 2003; "*min iħaddem għandu d-dover li jipprovdi post tax-xogħol li ma jkunx ta' periklu u riskju għas-saħħa ta' l-istess ħaddiem (ara Bugeja vs Falzon deċiza minn din il-Qorti fit-30 ta' April, 1997 u Desira vs Grech and Co. Ltd deċiża fit-30 ta' Mejju, 2002).*"

Sentenzi oħra ta' l-istess opinjoni huma Galea vs Balzan – Qorti ta' l-Appell - 26 ta' Frar, 1993 u Agius vs Galea – Qorti tal-Kummerċ - 11 ta' Lulju, 1989. Sentenza riċenti Grezzju Scicluna vs C. Cini and Sons Ltd - 27 ta' Ġunju, 2006 – Ċit 348/02 TM iċċitat l-awtur **Whincup** fil-ktieb **Modern Employment Law** li jelenka erba' prinċipji bażiċi f'każi simili u cioe':

i. *the employer must ensure that the employee knows the dangers;*
ii. *the employer must ensure that the emplyee knows the precautions to be taken against these dangers;*
iii. *the employer must ensure that the precautions are available;*
iv. *the employer must ensure that the employee knows these preċautions are available.*

Fis-sentenza tagħha fil-kawża Micallef vs Allchem Limited et mogħtija fit-13 ta' Ġunju, 2007 din il-Qorti kif preseduta qalet hekk;

"*Huwa minnu illi f'dan il-każ il-makkinarju użat kien f'kondizzjoni perfetta iżda l-mod kif kien qed jintuża ġab il-periklu u s-soċjeta' konvenuta kellha l-obbligu tara li dan ma jiġrix. Kif sew irrimarkat il-Qorti fil-kawza Schembri vs Caruana min iħaddem irid iżomm quddiem għajnejh illi ġie li l-ħaddiem jittraskura xi ftit dwar il-perikli li jkollu u*

*għalhekk għandu jkun hemm sistema biex dawn l-iżbalji ma jsirux. Fil-każ in eżami, iċ-ċajt li kien qed isir kien qed irendi s-sistema perikoluża u sfortunatament ġara inċident fatali*."

F'dan il-każ naturalment l-inċident ma kienx riżultat ta' ċajt iżda ta' żball żgħir (nuqqas ta' konċentrazzjoni minima) ta' l-attur li pero' kif sewwa qalu l-Qrati, huwa prevedibbli li xi darba jiġri u kif il-Qrati anke skużaw traskuraġni f'uħud minn dawn is-sentenzi

ċertament li ma hemmx raġuni għaliex din il-Qorti ma għandhiex tiskuża dan in-nuqqas ta' konċentrazzjoni momentarja u għalhekk iżżomm lis-soċjeta' konvenuta unikament responsabbli għall-inċident.

Fir-rigward tad-danni huwa ċar li dawn huma unikament *lucrum cessans* ma nġabux provi ta' *damnum emergens*. L-attur kellu tlieta u għoxrin (23) sena meta ġara l-inċident u allura l-Qorti se taħdem is-somma dovuta fuq perjodu ta' tletin (30) sena għar-raġunijiet spjegati fis-sentenza deċiża minn din il-Qorti fil-kawża fl-ismijiet Fenech vs Kunsill Lokali Żebbuġ fil-21 ta' Ottubru, 2004 ossija l-inċertezza tal-futur. Skond ir-rapport ta' l-espert mediku Mr. Charles Grixti l-attur sofra disabilta' permanenti ta' tlieta fil-mija (għalkemm l-espert *ex parte* ikkalkola disabilita' akbar) u kellu paga ta' tlett elef, sitt mija u għoxrin Lira Maltin (Lm3,620) fis-sena (Dok. "MC1"). Is-somma ta' tlett elef, sitt mija u għoxrin Lira Maltin (Lm3,620) multiplikata bi tlieta fil-mija għal tletin sena tammonta għal tlett elef, mitejn u tmienja u ħamsin Lira Maltin (Lm3,258). M'humiex se jsiru tnaqqis għal taxxi billi dawn huma newtralizzati b'żidiet eventwali fil-waqt li peress li l-inċident ġara fl-2000 u għalhekk għaddew seba' snin, lanqas ma hu se jsir tnaqqis għall-ħlas f'daqqa.

**Għal dawn il-mottivi l-Qorti tiċħad l-eċċezzjonijiet tas-soċjeta' konvenuta u għalhekk tilqa' t-talbiet attriċi u tikkundanna lill-**

**istess soċjeta' konvenuta thallas lill-attur is-somma ta' tlett elef, mitejn u tmienja u ħamsin Lira Maltin (Lm3,258). L-ispejjeż jitħallsu mis-soċjeta' konvenuta.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------